MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 175/2005

**A.**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-31 ta' Mejju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici izzewweg lill-konvenut fir-Registru taz-Zwigijiet nhar l-14 t'Awwissu 2004 (DOK EAC1).

U li l-konvenut qatt ma ried jghix il-hajja mizzewga.

U li l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba ngurji gravi, eccessi, mohqrija, theddid u peress ukoll li z-zwieg tkisser irrimedjabilment.

U li l-konvenut li hu ta' nazzjonalita Amerikana qabad u harab minn Malta minghajr lanqas biss informa lill-attrici.

U li miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti ma kienx hemm tfal.

U li l-attrici inghatat il-fakolta li tiftah din il-kawza permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-13 t'April 2005 (DOK EAC2).

U li ma kien hemm xejn fil-komunjoni ta' l-Akkwisti bejn il-partijiet.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba htijiet attribwibbli lill-konvenut.

2. Tiddikjara li l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti ma kien fiha xejn u ghalhekk m'hemm xejn x'jigi diviz bejn il-partijiet.

3. Tordna li l-attrici terga tiehu kunjom xbubitha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomineipprezentata fl-1 ta' Lulju, 2005 li permezz taghha eccepew;

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti kif esposti u ghalhekk jirriservaw li jissotomettu eccezzjonijiet meta ikun il-kaz.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta’ l-attrici u ta’ omissis.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Mejju, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni fejn l-attrici qed titlob id-dikjarazzjoni ta’ separazzjoni minn ma’ zewgha. Il-kawza ma tippresenta ebda diffikoltajiet ghaliex il-partijiet damu jghixu flimkien ftit gimghat u l-konvenut abbanduna ghal kollox id-dar konjugali tant li l-attrici ma ghandhiex ideja fejn jinsab bhalissa. Barra minn hekk qed titlob biss dikjarazzjoni tat-tmien tal-komunjoni tal-akkwisti u li terga’ tiehu kunjom xbubitha.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa’ t-talbiet kollha attrici u ghalhekk;**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;**

**2. tiddikjara mitmuma l-komunjoni tal-akkwisti bejnithom b’effett mill-31 ta’ Mejju, 2005 u li din ma kienet tikkonsisti f’ebda attiv jew passiv izda ghal kull buon fini tiddikjara li kull ma ghandha l-attrici f’isimha kompriz kontijiet bankarji huma proprjeta’ taghha;**

**3. tawtorizza lill-attrici terga' tiehu kunjom xbubitha.**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenut izda l-attrici ghandha provizorjament thallas id-drittjiet u spejjes tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------